**Fil-Prim Awla' tal-Qorti Civili**

**Fil-Atti tas-Subbasta Nru. 14/22**

REGISTRY SUPERIOR COURT
No. 683
03 NOV 2022
S
* PAID *

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Events Travel and Incentives**

**Relazzjoni tal-Perit Arkitett**

**Miriam Magri**
B. E. & A. [Hons] A. & C. E.
mirmusc@gmail.com

Il-Hamis, 15 ta' Settembru, 2022

Indirizz tal- Propjeta' – 205 u 207, Triq it-Torri, Sliema

Access fil-propjeta' hawn fuq imsemmija sar nhar l-Erbgha, 14 ta' Settembru 2022, ghall-habta tad-disgha ta' filghodu (9.00am). L-access kien ser isir permezz ta' sgass fil-propjeta' skont digriet mahrug minn din l-Onorabbli Qorti fit-22 ta' Awwissu 2022 fil-prezenza tal-Marixxall tal-Qorti Mr Manolito Briffa u ufficjali tal-pulizija. Pero ftit qabel sar l-isgass, membru tal-familja tal-persuna responsabbli mis-socjeta' intimata giet fuq il-post u tat l-access. B'hekk l-isgass ma kellux ghalfejn isir. L-access sar ukoll fil-prezenza ta' rapprezentanti tal-bank Mr Brian Baldacchino u Ms Ruth Seychell.

**Fond**

Il-fond b'zewg entraturi numerati mitejn u hamsa (205) u mitejn u sebgha (207) fi Triq it-Torri, Sliema, jikkonsisti fi propjeta' fil-livell ta' *ground floor* li huwa sottostanti blokk flats li ghandhom entrata komuni bin-numru mitejn u sitta (206) u li huma propjeta' ta' terzi. Taht dan il-fond, hemm livell fil-basement li fih numru ta' garaxxijiet li huma wkoll propjeta' ta' terzi. Dan il-fond huwa liberu u frank bil-pertinenzi kollha tieghu.

Din il-propjeta' giet akkwistata permezz ta' zewg kuntratti li huma kuntratt fl-atti tan-Nutar John Gambin datat sitta (6) t'Awwissu tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993) u kif ukoll permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Richard Vella Laurenti datat sitta (6) ta' Dicembru elf disa' mija hamsa u disghin (1995).

Din il-propjeta' tmiss mit-tramuntana ma' l-imsemmija Triq it-Torri, mil-lvant ma' propjeta' ta' Charles Vella jew l-aventi kawza tieghu u mill-punent ma' propjeta' ta' George Borg jew l-aventi kawza tieghu.

Din il-propjeta' tgawdi l-uzu tal-komun tal-blokka flats li jinkludi l-entrata, it-tarag, il-pjani tat-tarag, il-lift, il-lift shaft, is-sistema ta' dranagg u kif ukoll dawk l-ispazji u servizzi fil-blokka intenzjonati ghall-uzu komuni. Dan il-fond igawdi wkoll id-dritt ta' installazjoni ta' aerial tat-television u kif ukoll it-tqeghid ta' tank ta' l-ilma fuq il-bejt li jinkludi wkoll dritt ta' access ghal fuq il-bejt tal-blokka bil-ghan li ssir manutenzjoni u kif ukoll tiswijiet necessarji.

**Deskrizzjoni**

Dan il-fond fih kejl superficjali ta' madwar 341 metru kwadru u ghandu zewg faccati jigifieri wahda fuq kull naha ta' l-entratura komuni. Jekk wiehed ihares lejn il-propjeta' minn Triq it-Torri, il-faccata tax-xellug ghandha wisa' ta' madwar 3 metri filwaqt li l-faccata tan-naha tal-lemin hija wiesgha madwar 3.3 metri. L-gholi intern ta' l-istruttura (*floor to ceiling height*) ta' din il-propjeta' jidher li huwa ta' madwar 3.1m. Dan seta' jigi mkejjel minn spazji limitati peress li s-saqaf tal-post huwa kwazi kollu kemm hu mghotti b'suffett.

Dan il-fond huwa accessibli minn seba' targiet li jaghtu mil-livell tal-bankina ghal fuq pjan komuni li jaghti access dirett ghall-entraturi ta' dan il-fond bin-numri 205 u 207 u kif ukoll ghall entratura komuni tal-blokka appartamenti li ggib in-numru 206.

Minkejja li dan il-fond ghandu zewg entraturi, l-ispazju intern huwa wiehed. Fil-prezent, dan il-fond jikkonsisti f'hanut u showroom li jharsu ghal fuq Triq it-Torri, zewg ufficcji mdaqqsa fuq wara li jiehdu d-dawl u l-arja mill-bitha, kif ukoll numru ta' ufficcji u stores li fil-maggoranza taghhom huma maqsumin b'sistema ta' *lightweight partitions*. Fil-post hemm ukoll tliet WC's, *utility room*, kcina zghira u kif ukoll kamra li fiha apparat ta' l-IT.

**Kundizzjoni tal-Fond**

Ghalkemm l-istruttura ta' dan il-fond hija fil-maggoranza tal-kmamar mghottija bil-finishes, b'mod generali, il-propjeta' tidher li hija mibnija b'hitan tal-gebel / *bricks* u soqfa tal-konkos. F'dawk il-postijiet limitati fejn l-istruttura setghet tigi spezzjonata, ma kienx hemm indikazzjonijiet li hemm hsarat strutturali f'dan il-fond.

Il-faccati tal-propjeta' ghandhom parti sostanzjali minnhom bil-hgieg filwaqt li l-bqija tal-faccati huma miksijin u mizbughin b'kulur simili ghall-bqija tal-blokka. Il-hitan huma miksija bil-*gypsum* u l-maggoranza ta' l-aperturi huma ta' l-*aluminium* bi hgieg *single glazed*. Kwazi s-soqfa tal-kmamar kollha ghandhom suffett. Bhalissa dan il-fond mhuwiex qed jintuza u minhabba f'hekk certu zoni bhas-*showroom* ta' quddiem u l-bitha ta' wara ghandhom bzonn li ssirilhom manutenzjoni. Minbarra f'hekk jidher li l-post ghandu bzonn ukoll li jigi mmodernizzat.

Il-location tal-post hija identifikata f'Anness A.

Il-pjanti tal-propjeta' kif imkejla u impengijin mill-perit hawn taht imsemmi huma mehmuza f'Anness B.

Ritratti tal-propjeta' huma pprezentati f'Anness C.

**Permessi tal-Bini fuq dan il-fond**

Wara tfittxija *online* fis-*survey sheets* ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li jkopru s-snin bejn l-1969 u l-1990, ta' min jghid li nstabu zewg referenzi ghall-applikazzjonijiet ghal zvilupp bejn l-1988 u l-1990. Minkejja dan, il-lista tal-permessi tal-Awtorita' relatata ma' dawn ir-referenzi jidher li hija nieqsa u b'hekk in-numru tal-permessi ta' din il-binja ma setghux jigu ntraccati.

Wara tfittxija iktar wiesgha u kif ukoll wara numru ta' laqghat ma' ufficjali tal-*Planning Authority*, instabu dawn il-permessi sussegwenti relatati ma' dan il-fond.

PAPB 1636/89

*"To demolish existing building and to re-erect basement garage for private cars, ground floor stores and flats (duplex flat at 6th and 7th floor) as per fresh plans / elevations (PAPB 1636/89/56°) submitted with letter dated 1/11/90 and amended. Subject to General Conditions A on form DC 1/88 and other conditions as applicable, namely :- (B) conditions for underlying basements and garages. Balconies should not be gold, silver or bronze aluminium. Height of building should not exceed eight (8) floors plus underlying basement."*

Wara tfittxija ta' dan il-permess ghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, irrizulta li fil-file instabu numru ta' pjanti li gew sottomessi waqt l-iprocessar ta' din l-applikazzjoni. Pero, il-pjanti approvati tal-post ma kinux inkluzi fil-file.

Permessi ohra relatati mal-blokka imma li ma jirreferux direttament ghall-fond

PB 863/88

*"To erect penthouse as per fresh plans / elevations (PAPB 063/88/69) submitted with application received on 27/11/92 and amended subject to General Conditions (A) on form DC*

*1/88 and other conditions as applicable, namely:- (B) Conditions for underlying basements and garages. Height of building should not exceed eight (8) floors plus underlying basement. Penthouse with a set back of 1.5m from the 7th floor at back. This permit is issued in terms of Select Committee decision of the 7th September and the 26th October 1992.*

Wara tfittxija ta' dan il-permess ghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, irrizulta li fil-file instab il-permess pero' ma nstabet l-ebda site plan jew pjanta ta' dan l-izvilupp.

<u>DN 00625/11</u>
"*Upgrading of front garden including installation of planters*"

Il-konferma tan-notifika ta' dan l-izvilupp harget fid-29 ta' Lulju 2011.

**<u>Skemi ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar</u>**

Il-propjeta' tinsab gewwa area residenzjali go Tas-Sliema, hekk kif jidher minn Mappa SJ1 - '*Sliema and Tigne Point Policy Map*' li tifforma parti minn '*North Harbour Local Plan*' li huwa dokument ufficjali ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar. Lista ta' uzi differenti li huma accettabli gewwa zoni residenzjali skont Policy NHHO01 fin-'North Harbour Local Plan' qeghda tigi annessa ma' dan ir-rapport f'Anness D.

L-gholi permessibli f'din iz-zona kif skemat mill-Awtorita' tal-Ippjanar m' ghandux jaqbez it-tmien sulari fuq il-livell tat-triq. Skont policy P35 u Annex 2 fil-linji gwida tad-disinn mahrugin mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar, dan l-gholi massimu huwa ekwivalenti ghal 35.5m fi propjetajiet li ghandhom livell ta' semi-basement. Dan jidher mill-mappa SJ3 – *Sliema Building Height* and Urban Design mehuda minn '*North Harbour Local Plan*'. Peress li l-fond huwa sovrastanti u sottostanti propjeta' ta' terzi, huwa ma fihx potenzjal ghal zvilupp ulterjuri.

**<u>Konsiderazzjonijiet relatati mal-Permess Ezistenti tal-Fond u Potenzjal fl-Uzu ta' dan l-istess Fond</u>**

Il-permess ezistenti fuq dan il-fond jidher li huwa ta' *stores*. Minkejja dan, peress li l-pjanti approvati ta' dan il-fond ma nstabux, wiehed ma jistax jghid bic-cert jekk l-istores kellhomx

ikunu fuq l-area kollha jew inkella fuq parti minn dan il-fond. Jidher ukoll li d-disinn tal-faccata i.e. il-faccata bil-hgieg u kif ukoll l-access u t-tqassim tal-post jaghtu x'wiehed jifhem li l-post ftit li xejn kien intenzjonat li jintuza bhala store.

Il-post ghandu l-potenzjal li jkun uzat bhala hanut u / jew *showroom* ghaz-zoni fuq in-naha ta' quddiem tal-fond, u kif ukoll ta' ufficcji fuq in-naha ta' wara. Biex ikun jista' jsir dan, tkun trid tigi sottomessa applikazzjoni ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghall-bdil fl-uzu tal-post. Din il-possibilta' hija dejjem suggett ghal skrutinju u analizi ta' l-applikazzjoni mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar u d-decizjoni finali jekk tali permess ghandux johrog jew le tibqa' dejjem fi hdan l-istess Awtorita'.

**Valutazzjoni**

Il-metodu komparattiv u kif ukoll l-*investment approach* gew ikkunsidrati bhala l-ahjar metodologiji biex jigi ddeterminat il-valur ta' dan il-fond.

Wara li kkunsidrajt il-fatturi kollha msemmija hawn fuq, li jinkludu il-lokalita', it-tip u l-kundizzjoni tal-propjeta', il-potenzjal, l-iskemi ta' bini ezistenti applikabbli fuq is-sit u skont l-informazzjoni pprovduta li l-propjeta' hi libera u franka, l-esponent jistma l-propjeta' fl-ammont ta'

**Zewg miljuni, mija tmienja u tmenin elf ewro (€2,188,000)**

PERIT MIRIAM MAGRI B.E.&A.(Hons), A.&C.E. MOB: 7926 4492

Perit Miriam Magri
B. E. & A. [Hons] A. & C. E.

03 NOV 2022

ILLUM 16 ta' November '22
DEHER IL-PERIT LEGALI/TEKNIKU Miriam Magri LI HALEF LI QEDA FEDELMENT U ONESTAMENT L-INKARIGU MOGHTI LILU
DEPUTAT REGISTRATUR

Illum ...
Ipprezentata mill- AIC M Magri
B/bla dok ... dokumenti

Deputat Registratur
Deputy Registrar
Qrati tal-Gustizzja (Malta)
Law Courts (Malta)

## Anness A: Pjanta tas-Sit




**Stampa 1:** *Ritratt mehud mill-ajru fejn jidher il-fond b'zewg entrati numri 205 u 207 immarkat bil-kulur ahmar.*

**Anness B:** **Pjanti tal-Propjeta'**







Ground Floor Plan as Existing

Scale 1:200

PERIT MIRIAM MAGRI
B.E.&A.(Hons), A.&C.E.
MOB: 7926 4492




| | | | |
|---|---|---|---|
| Drawing Title: Ground Floor Plan as Existing | | | |
| Property Address: 205, 207, Triq it-Torri, Sliema | | | |
| Rev No. 0 | Architect: Perit Miriam Magri<br>Email: mirmusc@gmail.com | | |
| Drawing Number: A-100-01 | | Project No: DR-001 | Size: A3 |
| Date: 02/11/22 | Drawn By: MM | Checked By: MM | Scale: 1: 200 |



## Part Front Elevation as Existing

Scale 1:100







| | | | |
|---|---|---|---|
| Drawing Title: Front Elevation as Existing | | | |
| Property Address: 205, 207 Triq it-Torri, Sliema | | | |
| Rev No: 0 | Architect: Perit Miriam Magri, Email: mirmusc@gmail.com | | |
| Drawing Number: A-100-02 | | Project No: DR-001 | Size: A4 |
| Date: 02/11/22 | Drawn By: MM | Checked By: MM | Scale: 1:100 |

**Anness C - 'Survey' Fotografiku**



**Ritratt 1: Ritratt tal-faccata mehud minn Triq it-Torri**



**Ritratt 2: Ritratt iehor tal-faccata mehud minn Triq is-Santwarju**




**Ritratt 3: Ritratt ta' l-entratura tal-fond Numru 205 mehud mil-landing komuni**




**Ritratt 4: Ritratt ta' l-entratura tal-fond Numru 207 mehud mil-landing komuni**



**Ritratt 5: Ritratt tat-tarag komuni li jaghti access ghall-entraturi 205 u 207 tal-fond u kif ukoll ghall-bieb tal-komun li jgib in-numru 206**



**Ritratt 6: Ritratt ta' l-ufficcju li jaghti ghal fuq Triq it-Torri**



**Ritratt 7: Ritratt tal-kuritur li jwassal ghall-ufficcji fuq in-naha ta' wara tal-propjeta'**



**Ritratt 8: Ritratt tal-kuritur zghir li jwassal ghall-utility room, toilets u kcina zghira**



**Ritratt 9: Ritratt ta' parti mill-kuritur li jwassal ghall-kamra fejn jintrefa' l-apparat ta' l-IT**



**Ritratt 10: Ritratt ta' l-kamra fejn jintrefa' l-apparat ta' l-IT**



**Ritratt 11: Ritratt ta' ufficcju 3 (Referenza ghall-pjanta annessa)**



**Ritratt 12: Ritratt ta' ufficcju 1 fuq in-naha ta' wara tal-propjeta' u li jaghti ghall-fuq il-bitha (Referenza ghall-pjanta annessa)**



**Ritratt 13: Ritratt ta' ufficcju 2 fuq in-naha ta' wara tal-propjeta' u jhares fuq il-bitha (Referenza ghall-pjanta annessa)**



**Ritratt 14: Ritratt iehor ta' ufficcju 2 fuq in-naha ta' wara tal-propjeta' u li jhares fuq il-bitha**



**Ritratt 15: Ritratt iehor ta' ufficcju 2 fuq in-naha ta' wara tal-propjeta' u li jhares fuq il-bitha**



**Ritratt 16: Ritratt tal-bitha**



**Ritratt 17: Ritratt ta' ventilation shaft mill-garaxxijiet ta' taht li hemm fil-bitha**



**Ritratt 18: Ritratt tal-bitha**



**Ritratt 19: Ritratt ta' ufficcju 4 (Referenza ghall-pjanta annessa)**



**Ritratt 20: Ritratt ta' ufficcju 4 (Referenza ghall-pjanta annessa)**



**Ritratt 21: Ritratt ta' ufficcju 4 (Referenza ghall-pjanta annessa)**



**Ritratt 22: Ritratt ta' ufficcju 5 (Referenza ghall-pjanta annessa)**



**Ritratt 23: Ritratt ta' ufficcju 5 (Referenza ghall-pjanta annessa)**



**Ritratt 24: Ritratt ta' WC**



**Ritratt 25: Ritratt tal-kuritur li jwassal ghas-showroom fuq in-naha ta' quddiem tal-propjeta'**



**Ritratt 26: Ritratt tal-kuritur li jwassal ghas-showroom fuq in-naha ta' quddiem tal-propjeta'**



**Ritratt 27: Ritratt tal-hanut u showroom fuq quddiem tal-propjeta'**



**Ritratt 28: Ritratt tal-hanut u showroom fuq quddiem tal-propjeta'**



**Ritratt 29: Ritratt tal-hanut u showroom fuq quddiem tal-propjeta'**



**Ritratt 30: Ritratt mil-hanut li qed juri l-kuritur li jwassal ghan-naha ta' wara tal-propjeta'**



**Ritratt 31: Ritratt ta' l-entratura tal-propjeta'**



**Ritratt 31: Ritratt ta' l-istore**



**Ritratt 32: Ritratt ta' l-istore**

## Anness D: Pjanta tar-Registru ta' l-Artijiet

ADDRESS: 205, 207, TRIQ IT-TORRI, SLIEMA.

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m




Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

***Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet*** — *116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta*

***Land Registration Agency*** — *116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta*

| Nru tal-Mappa: *Map Number:* | Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* | Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* | Data: *Date:* |
|---|---|---|---|
| 273738 E | x = 54939<br>y = 75072 | 5475 | 26/08/2022 |

Perit: *Architect:* [signature]

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:* PERIT MIRIAM MAGRI B.E.&A.(Hons), A.&C.E. MOB: 7926 4492

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* A: 31 B: 312 C: 66

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 255251

Dritt imħallas *Fee Paid*

Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

LEGEND:

A: OWNERSHIP ON ALL LEVELS ABOVE BASEMENT INCLUDING AIRSPACE.

B: OWNERSHIP AT ELEVATED GROUND FLOOR LEVEL ONLY.

C: COMMON ACCESS AND COMMON AREA